# LIL NINU CREMONA

## F'GHELUQ IT-TMENIN SENA MIT-TWELID TIEGHU

*Ta'* JOE MEJLAK

Fil-ġnejna letterarja t'art twelidi
Li kienet għadha mneżżgħa u bosta fqira,
Sa fl-aħħar tfaċċa fjur tmenin sena ilu,
Bil-ħsieb li jagħmel ġieh lil din il-Gżira.
U ħsiebu seħħ, għax b'ħiltu u b'għemilu
Lill-Gżira tagħna għollieha mas-smewwiet;
W għalkemm tmenin rebbiegħa għaddiet minn fuqu
Il-ħeġġa għal art twelidu qatt ma ntfiet.
Xogħlijiet kbar u sbieħ hu għaraf sawwar;
Hemm il-Grammatka nixtieq jien nsemmi,
Għax kienet hi li bdiet tgħallimni nikteb,
U l-poeżija tqanqlet ġewwa demmi.
Nitolbu 'l Alla jibqa' iktar magħna;
Ha jkompli jagħmel ġieh lil GHAWDEX tagħna!

27 ta' Mejju, 1960.